# *Servizzi għal Nies b' Diżabbiltajiet*



Merri Community Health Services

## Servizzi għal Nies b' Diżabbiltajiet

Is-Servizzi ta' Merri Community Health jaspiraw biex javvanzjaw l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tal-persuni  b' diżabbiltà fil-komunità.

Il-mira tas-servizzi hija li jgħin lin-nies

b' diżabbiltà b'mod flessibbli u koperattiv biex jiksbu l-aħjar fl-għażla u l-indipendenza tagħhom.

Infittxu li ngħinu lil nies b' diżabbiltà biex jieħdu s-servizzi bħala parti mill-komunità lokali tagħhom u ninkoraġġixxu sħubijiet u kordinament ma' servizzi lokali oħra.

## Servizzi tal-Immaniġġar tal-Każ

Is-Servizzi tal-Immaniġġar tal-Każ jimmiraw li jissapportjaw lill-anzjani debboli u liż-żgħażagħ b'diżabbiltajiet biex jibqgħu joqogħdu fi djarhom. Bi sħab mal-persuna u ma' min idur biha, il-Maniġer tal-Każ jikkordina u jixtri firxa ta' servizzi bħal mistrieħ, kura personali u trasport biex jippromwovi l-indipendenza, s-saħħa fiżika u l-ġid emozzjonali tal-persuna.

Għal iktar tagħrif ċempel liċ-Ċentru tal-Commonwealth għall-Mistrieħ/u ta' Carer/Links North fuq 1800 052 222 jew (03) 9495 2500

## Gruppi ta' Attività

Il-Programmi tal-Attività huma mfasslin biex jgħinu lill-anzjani u lin-nies b' diżabbiltà jibqgħu b'saħħithom u attivi billi jingħaqdu f' attivitajiet interessanti u ta' tgawdija fi grupp. L-attivitajiet jinkludu eżerċizzji fiżiċi ( bħal tai chi u mixi), sessjonijiet ta' arti u snajja, ġardinaġġ u gruppi ta'diskussjoni dwar modi ta' titjib tas-saħħa u li tħossok f'siktek. Hemm firxa ta' attivitajiet mfasslin għall-ħtiġijiet u l-interessi individwali tan-nies, per eżempju, gruppi kulturali speċifiċi, klabbijiet tal-kotba u gruppi tal-ħruġ.

L-aċċess għall-Programmi ta' Attività jsir permezz tas-Servizz ta' Aċċess: (03) 9388 9933.



## Commonwealth Respite and Carelink Centre / CarerLinks North

Dawn is-servizzi fl-istess post u mmexxija mis-Servizzi ta' Merri Community Health jipprovdu tagħrif u għajnuna bla ħlas lil dawk li jduru b'xi ħadd u lill-komunità iktar wiesa' fis-sotto-reġjun Metropolitan tat-Tramuntana ta' Melbourne (li jinkludi l-muniċipalijiet ta' Banyule, Darebin, Hume, Moreland, Nillumbik, Whittlesea u Yarra).

- Carelink huwa servizz ta' informazzjoni immirat biex jgħin lin-nies jgħixu b' mod indipendenti fi djarhom
- Is-servizzi tagħna għal dawk li jduru b'xi ħadd jinkludu sapport, pariri u għajnuna prattika biex isibu u jibbukkjaw servizzi ta' mistrieħ. Fondi tas-senserija (brokerage) huma disponibbli biex jinxtraw servizzi ta' mistrieħ, li mhumiex disponibbli minn provdituri rogolari. Ħaddiema tal-Informazzjoni u r-Rispons huma disponibbli biex jassessjaw u jirrispondu għall-ħtiġijiet ta'dawk li jduru b'xi ħadd. Aċċess għall-mistrieħ ta' emerġenza huwa disponibbli wkoll wara l-ħin tax-xogħol. Is-servizzi speċjalizzati jinkludu:
  - programm għaż-Żgħażagħ taħt il-25 sena li Jduru b'xi Ħadd u speċjalment dawk li jkunu għadhom l-iskola
  - il-Programm tal-Mistrieħ tas-Saħħa Mentali li jissaportja lil min idur b' nies ta' kull età b' marda mentali
  - Programm ta' Sapport u Pjanar għall-Familji Anzjani jissapportja anzjani li jduru b' xi ħadd b' diżabbiltà għal għomorhom
  - Programm ta' Passaġġi għall-Mistrieħ tad-Diżabbiltà li jipprovdi sapport għal dawk li jduru bi tfal u adulti b' diżabbiltajiet
- Is-servizz jaħdem ukoll biex jiżviluppa, jkabbar u jissapportja s-servizzi tal-mistrieħ fir-reġjun.

L-aċċess għal dawn is-servizzi jinkiseb billi ċċempel 1800 052 222* jew (03) 9495 2500-mistrieħ ta' emerġenza huwa disponibbli wkoll fuq dawn iż-żewġ numri 24 siegħa kuljum.

*Telefonata bla ħlas mit-telefon tad-dar. Telefonati fuq il-mobajl bir-rati tal-kumpanija.

## Interchange North West

Interchange North West jipprovdi attivitajiet rikreazzjonali għat-tfal u ż-żgħażagħ b' diżabbiltajiet.

- Il-Programm ta' Rikreazzjoni joffri firxa ta' attivitajiet pjaċevoli bażati fil-komunità inklużi gruppi għaż-żgħażagħ bażati fuq l-età u l-kapaċità , programmi għall-btajjel tal-iskola u kampijiet
- Dan is-servizz huwa disponibbli għall-familji bi tfal u adulti żgħażagħ b' diżabbiltajiet li joqogħdu fil-muniċipalitajiet ta' Moreland u Hume.
- Għal iktar tagħrif ċempel lil- Commonwealth Respite and Carelink Centre / CarerLinks North fuq 1800 052 222.

## Il-Programm Relazzjonijiet Umani għaż-żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali

L-Programm Relazzjonijiet Umani jorganizza sessjonijiet ta' edukazzjoni innovattiva fi gruppi għaż-żgħażagħ ta' bejn it-8 -25 b' diżabbiltà intelletwali u/jew fit-tagħlim. Programmi ta' tmien ġimgħat isiru fi skejjel sekondarji u primarji regolari, fi skejjel speċjali, fi skejjel speċjali għall-iżvilupp, fi programmi tal-ġurnata u sfondi oħra komunitarji. Is-Servizzi ta' Merri Community Health jipprovdu dan il-programm fl-14-il municipalità inklużi fir-Reġjun tal-Majjistral ta' Melbourne

## Servizzi Konnessi tas-Saħħa

Il-Programm tas-Servizzi Konnessi tas-Saħħa tal-Merri Community Health Services joffri varjetà ta' servizzi individwali u bażati fi grupp biex jissapportja lill-membri tal-komunità tagħna biex jieħdu ħsieb saħħithom għall-ġid tagħhom. Tagħrif dwar is-servizzi li ġejjin huwa disponibbli mis-Servizz tat-tim tal-Aċċess fuq : (03) 9388 9933

### Edukazzjoni dwar id-Diabete

Programm li jipprovdi edukazzjoni u pariri biex jgħin fl-immaniġġar tad-diabete, jgħin lill-individwi biex jifhmu id-diabete u jagħmlu għażliet infurmati ta' stil ta' ħajja u ta' kura.

### Dietetika

Is-Servizz tad-Dietetika joffri assessjar nutrittiv, parir u tagħrif dwar ħtiġijiet nutrittivi relatati mal-kundizzjonijiet tas-saħħa.

### Nersing

In-Ners tas-Saħħa Komunitarja (Community Health Nurse) taħdem mill-qrib mal-individwi fil-komunità biex tassessja u timmaniġġa varjetà wiesa' ta' kundizzjonijiet mediċi.

### Terapija Okkupazzjonali

Is-servizzi tat-Terapija Okkupazzjonali jipprovdu assessjar u pariri biex jgħinu lin-nies ħalli jiksbu indipendenza massima fid-dar. It-Terapisti Okkupazzjonali jistgħu jirrikkmandaw apparat u/jew adattamenti għall-ambjent biex jgħinu lill-klijent u lil min idur bih/a ħalli jimmaniġġaw l-attivitajiet tagħhom ta' kuljum.

### Fiżjoterapija

Il-fiżjoterapisti jassessjaw i jikkuraw individ għal mard jew ħsara fil-muskoli jew fil-ġogi. Il-fiżjoterapisti jaħdmu mal-klijent/a u joffru firxa ta' servizzi li jinkludu l-eżrċizzju biex jimmaniġġaw il-ħsara u jtejbu l-funzjoni tagħhom ħalli jiksbu l-aħjar riżultat possibbli.

### Podjatrija

Il-podjatristi huma professjonisti tas-saħħa kapaċi, mħarrġin biex jittrattaw bil-prevenzjoni, dijanjosi , kura u rijabilitazzjoni tas-sieq u kundizzjonijiet fin-naħa t' isfel tar-riġel

### Patoloġija tad-Diskors

Il-Patoloġi tad-Diskors jassessjaw u jimmaniġġaw varjetà kbira ta' diffikultajiet fil-komunikazzjoni u biex jinbela' l-ikel.

### Programm Għixien Tajjeb (Living Well Program)

Il-Programm Għixien Tajjeb huwa servizz li jimmira li jissapportja nies li jkunu jgħixu b' kundizzjoni tas-saħħa għal żmien twil bħad-diabete, l-artrite jew mard tal-qalb u tal-pulmun. Dan is-servizz jgħin lill-individwi biex jagħmlu tibdil fl-istil ta' ħajja u jżidu l-indipendenza fl-immaniġġar ta' saħħithom.

## Programm Pjanar u Sapport Individwalizzat

Dan is-servizz jgħin lil nies b' diżabbiltà biex jidentifikaw il-ħtiġijiet, il-miri u l-aspirazzjonijiet individwali tagħħom u jippjanaw is-servizzi ta' sapport meħtieġa biex jgħinuhom jgħixu ħajja ta' sodisfazzjon fil-komunità. Referimenti għal dan is-servizzi jsiru permezz tad-Dipartiment tas-Servizzi Umani – Servizzi ta' Aċċettazzjoni  u Rispons għall-Klijent b' Diżabbiltà fuq (03) 9412 2741

## Servizzi Dentali Ġenerali

Servizzi dentali huma disponnibbli għall-klijenti kollha li għandhom Health Care Card jew Pension Card. Il-lista ta' stennija għas-servizzi dentali tvarja skont l-età u l-ħtiġijiet dentali tal-klijent Jekk jogħġbok ċempel (03) 9387 6711 għal iktar tagħrif.



Għal iktar tagħrif u appuntamenti:
• Ċempel lis-Servizz ta' Aċċess fuq (03) 9388 9933

Merri Community Health Services Limited
Head Office:
11 Glenlyon Road
Brunswick, VIC 3056

**www.mchs.org.au**

Pubblikat Novembru, 2010

Merri Community Health Services